**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz numru 38/2022**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Lydon Zammit)**

**vs.**

**Brandon Luke Meilaq**

Illum l-10 ta' Mejju 2022

Il Qorti:

Rat illi tressaq Brandon Luke Meilaq iben Grazio u Salvina nee' Azzopardi, mwieled il-Pieta' nhar is-07 ta' Novembru 1986 u residenti gewwa 88A, Triq il-Kbira, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita' **530286M** akkuzat talli

1. Talli fl-14 ta' Jannar 2022 għal ħabta ta' bejn 16:45Hrs u 17:00Hrs ta' filgħaxija ġewwa Triq San Lawrenz, Haz Zabbar ikkometta serq ta' flus kontanti minn fuq il-persuna ta' Grace Attard, li hija persuna anzjana ta'

erbgħa u sebgħin sena (74), liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u bil-mezz għad-dannu ta' l-istess Grace Attard u / jew persuni oħra.

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u cirkustanzi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu car, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Grace Attard, li hija persuna anzjana ta' erbgħa u sebgħin sena (74), liema ħsara hija ta' natura ħafifa hekk kif iccertifikat minn Dr Maria Zammit detentrici ta' numru tar-reġistru mediku 3838 tac-Centru tas-Saħħa ta' Raħal Gdid.

3. Talli fil-11 ta' Jannar 2021 għal ħabta ta' bejn 11:45Hrs u 12:00Hrs ġewwa Misrah tal-Madonna Medjatrici, Haz Zabbar , ikkommetta serq ta' flus kontanti mill-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KBO 635 ta' l-għamla Hyundai, , liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-xorta tal-ħaġa mixruqa għad-dannu ta' l-istess Dolores Mallia, li hija persuna anzjana ta' tmienja u sebgħin sena (78) u / jew persuni oħra.

4. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi irrendew ruhhom ricedivi ai termini tal-artikoli 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat illi fl-udjenza tal-21 ta' Jannar 2022 sar l-ezami ta' l-imputat skond l-artikolu 392(2) tal-Kodici Kriminali u l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjoni dedotti kontrih, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzathu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsulta ma' l-avukat ta' fiducja tieghu u jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha.[1]

Rat li l-imputat rega' tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu.

Rat li fid-dawl ta' l-ammissjoni tal-imputat il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li ssibu hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputat.

Rat illi ma hemmx raġuni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tieghu, l-imputat effettivament mhux ħati tar-reati addebitati lilu. Il-Qorti tqis, ghalhekk li l-akkużi huma sodisfacjentement ppruvati.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-partijiet konguntivament qablu li jsir *pre-sentencing report* minn ufficjal tal-probation.

Semghet lill-ufficjal tal-probation fl-udjenza tal-21 ta' Frar 2022.

[1] Folio 5-6 ta' l-atti processwali

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet fl-udjenza tal-1 ta' Marzu 2022.

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatt fil-qosor**

Illi dan il-kaz irrizulta meta gie raportat lill-pulizija li l-imputat kien wettaq diversi serqiet minn ghand nisa anzjani.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi b'amissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu waqt is-seduta tal-21 ta' Jannar 2022 din il-Qorti m'ghandiex ghazla ohra ghajr li ssibu hati tar-reat addebitat lilu u ser tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tieghu.

Madankollu ghall-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

- Il-fedina penali ta' l-imputat[2] - L-imputat ghandu fedina penali refrattarja b'diversi sentenzi registrati kontrih ghar-rigward id-droga inkluz serq.

[2] Dok SG1, Folio 7-14 ta' l-atti processwali

- L-ammissjoni bikrija ta' l-imputat. L-imputat irregistra ammisssjoni fl-ewwel udjenza u fl-iktar stadju bikri qabel ma l-prosekuzzjoni kienet lahhqet ressqet xhieda u provi,

- Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[3], **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[4], u **ARCHBOLD Sentencing Guidelines 2021**[5] u **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE.**[6]

  Ghaldaqstant jista jinghad li l-ammissjoni saret fl-iktar stadju bikri u ghalhekk l-imputat ghandu jibbenifika minn din il-attenwanti.

- Il-Qorti tqis ukoll li l-ammissjoni saret minghajr ebda riservi u kondizzjonijiet.

- Illi l-vittmi kienu t-tnejn nisa anzjani. Wahda mill-vittmi ta' erba u sebghin (74) sena soffriet griehi hfief mertu ta' l-agir ta' l-imputat. Illi nisa anzjana ta dik l-eta' huma persuna ferm vunerabbli specjalment meta kkonfrontati b'ragel jaggrediha u jheddidhom sabiex jisraqhom. Illi l-fatt li dawn is-serqiet saru kontra nisa anzjani, li zgur ma setghu joffri ftit li xejn resitenza apparti l-biza u l-hsara lejn sahhithom li avveniment bhal dan jikkawzalhom ghandu jigi meqjus bhala agir deplorabbli ghall-ahhar.

- Il-Qorti rat il-*pre sentencing report* li minnu jirrizulta li l-imputat wettaq dawn is-serqiet ghaliex kellu bzonn il-flus biex jixtri d-droga. Skond l-

[3] Qorti Kriminali deciza 24 ta' Frar 1997
[4] Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002]
[5] Thomson Reuteurs, S-29
[6] Blackstone Press Limited – 2006 edition

imputat hu qatt ma kien wettaq serqiet fuq nisa anzjani u filwaqt li kien dispjacut ghall-agir tieghu, iggustifika l-azzjonijiet tieghu minhabba l-uzu tad-droga.[7]

- Skond il-vittmi d-dannu psikologiku u t-trawma li ghaddew minnha kien ferm ikbar mid-dannu finanzjarju li sofru. Ix-xokk li soffrew dak in-nhar tar-reat baqghu issofruh sal-gurnata tal-llum.

- Illi l-vittmi sal-gurnata tal-llum qatt ma gew kompensati. Filwaqt li Grace Attard soffriet telf ta' hamsa u ghoxrin ewro (€25), Dolores Mallia soffriet telf ta' mitejn u seba' Ewro (€207) li jinkludi spejjez li dahhlet minhabba dak li wettaq l-imputat.[8]

- Il-Qorti tara u tikkunsidra li l-imputat inghata diversi opportunitajiet mill-Qrati sabiex jirriforma ruhu, madankollu huwa baqa' jippersisti fil-kriminalita'. Ir-raguni principali ta' dan huwa ghaliex ghandu problema akuta tad-droga li ilu biha iktar minn ghaxar snin u li ghada qatt ma giet indirizzata serjament minnu tul dan iz-zmien kollu.

- L-imputat huwa recidiv skont l-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali.

- Illi r-reat huwa meqjus aggravat u b'hekk din il-Qorti ghandha taghti piena mhux fil-minimu taghha skond l-artikolu 280(1) tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-piena tista tizdied bi grad jew zewg gradi skond l-artikolu 276A tal-Kodici Kriminali.

- Fis-sottomissjonijiet finali taghha, il-prosekuzzjoni tenniet li din il-Qorti ghandha tikkunsidra piena karcerarja ta' madwar erba' snin u nofs, flimkien ma Ordni ta' Trattament bhala piena idoneja f'dan il-kaz u dan ukoll fuq rakkomandazzjoni stess ta' l-ufficjal tal-probation.

---

[7] Folio 36 ta' l-atti processwali
[8] Folio 36-37 ta' l-atti processwali

- Illi filwaqt li l-Qorti mhix bl-ebda mod marbuta ma dawn is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni l-Qorti tara li din il-piena hija legalment proponibbli u fil-parametri tal-ligi.

- L-imputat waqt iz-zmien tar-reat kien ibaghti mil-vizzju tad-droga u li f'dak iz-zmien ma kellux impjieg u spicca f'ciklu vizzjuz fejn kien qed jirikorri ghal-kriminalita u jisraq sabiex imanti lilu nnifsu inkluz il-vizzju tieghu. Naturalment, din mhijiex gustifikazzjoni ta' dak li wettaq u l-vittmi m'ghandhomx jghixu f'socjeta imdawrin ma persuni li jmantu il-vizzji taghhom billi jwettqu reati sabiex jissostanzjaw dan il-vizzju.

- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku.

## Decide

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 257D(1)(c), 261(1)(a)(b)(g), 262(1)(a)(2), 263(b), 271(g), 274(c), 276, 276A, 277(b), 279(a), 280(2), 214, 215, 221(1) u 49, tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Brandon Luke Meilaq, fuq ammissjoni tieghu stess, **hati** ta' l-imputazzjonijiet

kollha dedotti kontrih u tikkundannah ghal piena ta' **prigunerija** ta' hames (5) snin li minnhom ghandhom jitnaqqsu dawk gia skontati taht arrest preventiv.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-imputat ihallas lil Grace Attard is-somma ta' hamsa u ghoxrin Ewro (€25) u lil Dolores Mallia is-somma ta' mitejnu seba' Ewro (€207) rapprezentanti kumpens tal-hsara kkagunata lilhom fi zmien sena wara li l-hati jkun skonta s-sentenza ta' prigunerija effettiva. Din l-ordni ghandha tikkostitwixxi titolu ezekuttiv ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Avukat Generali jinghata access ghal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' access ghal kopja skenjata tas-sentenza fi zmien sitt(6) ijiem tax-xoghol.

**Moghtija illum nhar il-10 ta' Mejju 2022 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**